MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR
## ĠUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 351/2013

Mobisle **Communications Limited**

**C 24655**

**vs**

**De Almada Cordeiro Andre' Candido**
**ID 59661 (A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija erbgha u erbghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€444.95), in konnessjoni ma' 79011983 (AC40163042), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Dicembru, 2010. Illi s-somma ta' erba' mija erbgha u erbghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€444.95) fuq indikata hija komposta minn mitejn hamsa u erbghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€245.95) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont Dokument 'A' anness, flimkien ma' mija disgha u disghin ewro (€199) dovuti bhala penali skont Dokument 'B' anness. Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2431/12, u bl-imghaxijiet mid-data tad-19 ta' Ottubru, 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati bhala Dok 'A', Prospett – AC40163042, Dok 'B', Kuntratt datat 2 ta' Dicembru, 2010, Dok 'C', Estratt mir-Registru Elettorali, Dok 'D', ittra ufficjali 2431/12, Dok 'E', traduzzjoni tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija erbgha u erbghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€444.95), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------